Notification respondents: 14, Triq Hookham Frere, Tal-Pietà
Housing Authority

The application in the names Mary Licia Spiteri vs Christopher Parnis et, Application number 250/2022JG, has been postponed for hearing to the 12th July, 2024, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 28th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1444

Permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Marzu, 2024, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tal-Medjazzjoni numru 885/2023CC fl-ismijiet Jessica Chircop vs Philip Chircop, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Philip Chircop a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Jessica Chircop (KI 526791M) vs Philip Chircop fl-atti tal-Medjazzjoni numru 885/2023CC ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja)

By means of a decree of the 26th March, 2024, of the Civil Court (Family Section), in the records of the acts of Mediation in the names Jessica Chircop vs Philip Chircop, Application number 885/2023CC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Philip Chircop in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the records of the Mediation number 885/2023CC in the names Jessica Chircop (ID 526791M) vs Philip Chircop, filed in the Civil Court (Family

fis-17 ta' Jannar, 2024, ir-rikorrenti Jessica Chircop (KI 526791M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors b'urġenza minħabba l-periklu li jinsabu fih ir-rikorrenti, ommha u missierha;

2. Takkorda l-kura u l-kustodja esklussiva u r-residenza tal-minuri … omissis … lil ommha Jessica Chircop minnufih minħabba s-serjetà tal-każ;

3. Tiffissa aċċess għall-intimat tlett ijiem fil-ġimgħa u bi sleepover fil-weekend darba mill-Ġimgħa għas-Sibt u darba s-Sibt għall-Ħadd;

4. Tiffissa rata ta' manteniment ta' €350 liema rata għandha titħallas immedjatament permezz ta' standing order mill-intimat għal ġol-kont tal-bank tar-rikorrenti indikat lilu minnha, kif ukoll jinqasmu l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni b'mod ugwali bejn il-partijiet;

5. Tinħareġ protection order taħt l-artikolu 39 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta favur l-esponenti Jessica Chircop, ommha Rita Grixti u missierha Anthony Grixti;

6. Tordna li jieqfu immedjatament it-telefonati kontinwi mill-intimat lill-esponenti inkluż video calls u jekk hemm bżonn tiffissa ħin darbtejn fil-ġimgħa fejn dawn it-telefonati jistgħu jsiru.

U dan salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti.

Rikorrenti: John Buontempo Mansions, Flat 5, Upper St Albert, Il-Gżira

Notifika: Flat 5, Maretem, Triq il-Fatati, Il-Ħamrun

Qorti (Sezzjoni tal-Familja), l-Onor. Imħallef Antonio G. Vella, LLD

Ittra numru 885/2023

Il-Qorti,

Rat ir-rikors,

Tordna n-notifika lill-kontroparti b'ħamest (5) ijiem utili għar-risposta.

Illum 17 ta' Jannar, 2024

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 28 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Section), on the 17th January, 2024, the applicant Jessica Chircop (ID 526791M) requested this Honourable Court to:

1. Decide the present application urgently because of the danger faced by the applicant, her mother and her father;

2. Grant the exclusive care and custody and residence of the minor … omissis … to her mother Jessica Chircop immediately due to the seriousness of the case;

3. Fix access to the respondent three days a week and with a sleepover on the weekend once from Friday to Saturday and once Saturday to Sunday;

4. Fix a maintenance rate of €350 which rate is to be paid immediately by means of a standing order by the respondent to the bank account of the applicant indicated to him, as well as the expenses of health and education are divided equally between the parties;

5. A protection order is issued under Article 39 of Cap. 16 of the Laws of Malta in favour of the applicant Jessica Chircop, her mother Rita Grixti and her father Anthony Grixti;

6. Order that the continuous calls by the respondent to the applicant including video calls be stopped immediately and if necessary fix a time twice a week where these calls can be made.

And this saving any other provision that this Honourable Court deems fit to give.

Applicant: John Buontempo Mansions, Flat 5, Upper St Albert, Gżira

Notification: Flat 5, Maretem, Triq il-Fatati, Ħamrun

Civil Court (Family Section), Honourable Mr Justice Antonio G. Vella, LLD

Letter No 885/2023

The Court,

Having seen the application,

Orders the notification to the couterparty with five (5) working days within which to submit a reply.

Today 17th January, 2024

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 28th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1445

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fid-9 ta' Mejju, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4965/2023, fl-ismijiet il-Perit Edwin Mintoff et vs Budget Services Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lil Budget Services Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 21 ta' Novembru, 2023

Lil Budget Services Limited (C12855) ta' Park Towers Mall, Triq George Borg Olivier, San Ġiljan

Permezz tal-preżenti l-Perit Edwin Mintoff (KI 452158M) u martu Patricia Mintoff (KI 288260M) 119, Triq Tas-Sliema, Il-Gżira, jagħmel referenza għall-kuntratt datat l-1 ta' April, 2000 fl-atti tan-Nutar Dott. Joseph Brincat, illi permezz tiegħu inti ttrasferejt a favur l-istess mittenti dak il-porzjon diviż mmarkat bl-ittra ABCD u bil-kulur isfar fuq il-pjana annessa mal-istess kuntratt bħala dovument B flimkien ma' dak il-porzjon diviż separat immarkat bl-ittri ABCDEFGH u bil-kulur aħdar fuq pjanta oħra annessa mal-istess kuntratt bħala dokument C, ilkoll fihom kejl superfiċjali ta' ċirka 220mk u formanti parti mill-Park Towers Mall Complex fi Triq George Borg Olivier, San Ġiljan, b'entratura sekondarja fuq Main Street, San Ġiljan, bid-dritt ta' aċċess u użu tal-partijiet komuni kollha, inkluż il-lift, dan kollu kif aħjar deskritt u taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kontenuti fl-istess kuntratt hawn fuq ċitat.

L-istess mittenti jagħmlu riferenza wkoll għad-diversi sejħiet li sarulek sew verbalment u sew bil-miktub sabiex:

a) Terġa' tqegħdihom fil-pussess ta' dik il-parti mill-proprjetà tagħhom tal-kejl ta' 6mk kif murija delinjata bl-ittri ABMN fuq il-pjanta hawn annessa (Dokument A), illi inti abużivament żammejt u qed tirrifjuta li terġa' tqiegħed fil-pussess tal-mittenti, mingħajr il-kunsens u l-awtorizzazjoni tal-istess mittenti;

b) Tipprovdi aċċess minn fuq il-partijiet komuni tal-Park Towers Mall Complex għall-finijiet ta' installazzjoni ta' dawk is-servizzi meħtieġa, inkluż mingħajr limitazjoni ta' elettriku, ilma, drenaġġ u servizzi relatati mal-installazzjoni ta' sistema tal-arja kundizzjonata sabiex iservu l-proprjetà tal-mittenti fl-istess kumpless;

c) Tneħħi dawk l-oġġetti kollha li inti waħħalt ossija ppermettejt li jitwaħħlu fuq jew mal-propjetà tal-mittenti, mingħajr il-kunsens u l-awtorizzazzjoni tal-istess mittenti; u

By means of a decree of the 9th May, 2024, in the records of the judicial letter number 4965/2023 in the names Architect Edwin Mintoff et vs Budget Services Limited , the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent company Budget Services Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 21st November, 2023

To Budget Services Limited (C12855) of Park Towers Mall, Triq George Borg Olivier, St Julian's

By means of this present Architect Edwin Mintoff (ID 452158M) and his wife Patricia Mintoff (ID 288260M) of 119, Triq Tas-Sliema, Gżira, make reference to the deed dated 1st April, 2000, in the records of Notary Dr Joseph Brincat, in virtue of which you transferred in favour of the interpellants that divided portion marked with the letters ABCD and in yellow on the plan annexed to the same deed as document B together with that separate divided portion marked with theletters ABCDEFGH and in green on another plan annexed to the same deed as document C, together having a superficial measurement of about 220sqm and forming part of the Park Towers Mall Complex in Triq George Borg Olivier, St Julian's, with a secondary entrance on Main Street, St Julian's, with the right of access and use of all the common areas and parts, including the lift, all this as better described and under those terms and conditions contained in the same aforementioned deed.

The said interpellants also make reference to the several calls which were made upon you both verbally and in writing to:

a) Reinstate them in the possession of that part of their property, measuring circa 6sq m as shown delineated with the letters ABMN on the plan hereto attached (Document A) which you abusively retained and are refusing to reinstate in the claimants possesion, without the consent and authorisation of the same claimants;

b) Provide access over the commin parts of the Park Towers Mall Complex for the purposes of the installation of those services which are required, including without limitation of electricity, water, drainage and services related to the installation of an air-conditioning system, to serve the interpellants property withint the same complex;

c) Remove those objects which you affixed or otherwise permitted to be affixed on the interpellants' property, without the consent and authorisation of the same interpellants'; and

d) Billi teżisti differenza fil-kejl tal-porzjon diviż effettivament akkwistata mill-mittenti bil-kuntratt suċċitat, ekwivalenti għal aktar minn waħda minn għoxrin, bejn il-kejl sewwa ta' 194mk kif jidher delinjat bl-ittri ABCDEFGHIJKL fuq id-Dokument A anness u dak ta' 220mk imsemmi fil-kuntratt, inti qed tiġi interpellat ukoll sabiex tirrifondi ossija tħallas lura lill-mittenti, il-prezz żejjed tal-valur tal-proprjetà minnek mibjugħa, bl-imgħax.

Dan kollu premess, il-mittenti qegħdin għalhekk jinterpellawk sabiex entro terminu massimu ta' ġimgħa mid-data tan-notifika lilek ta' dan l-att ġudizzjaru, inti taċċedi minnufih għat-talbiet leġittimi tal-mittenti, kif hawn fuq imfissra u fl-istess żmien u waqt, tersaq għal-likwidazzjoni ħlas tad-danni kollha sofferti mill-mittenti b'kaġun tal-aġir illegali u abużiv tiegħek, konsistenti prinċipalment fit-telf ta' użu u tgawdija tal-mittenti tal-proprjetà tagħhom.

Inti avżat illi, fin-nuqqas, sejrin jittieħdu l-proċeduri ġudizjari, inkluż mandati kawelatorji kollha opportuni kontra tiegħek mingħajr preavviż ieħor, in kawtela tad-drittijiet tal-mittenti skont il-kuntratt suċċitat u/jew il-liġi.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

d) Given that there exists a difference in the measurement of the divided portion effectively acquired by the interpellants' by means of the aforementioned deed, equivalent to more than one-twentieth, between the correct measurement of 194sqm as shown outlined with the letters ABCDEFGHIJKL on the annexed Document A and that of 220sqm mentioned in the deed, you are also being called upon to refund or pay the interpellants' the price in excess of the value of the property sold by you, with interest.

All this being premised, the interpellants are therefore calling upon you such that within maximum term of one week from the date your notification of this judicial act you immediately accede to all the interpellants' legitimate demands, as hereabove explained and within the same period, come forward for the liquidation and payment of all the damages sustained by the interpellants' resulting from you illegal and abusive behaviour, consisting principally in the loss of use and enjoyment by the interpellants of their property.

You are advised that, in default all opportune judicial proceedings, including precautionary warrants will be filed against you, without further notice, in order to safeguard the interpellants rights in terms of the afore-mentioned deed and/or at law.

So much so that you may know how to regulate yourself

With costs

Registry of the Superior Courts, today 28th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1446

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-25 ta' April, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 338/2024JVC, li ġie ppreżentat fis-26 ta' Marzu, 2024, fl-ismijiet: Brincau Kirk Avukat noe vs Latin Lease Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' erbgħa u ħamsin elf u tliet mitt ewro (€54,300). Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra s-soċjetà konvenuta li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-11 ta' Lulju, 2024, fid-9.35 a.m.

Notifika Intimat: Latin Lease Limited, 114/3, The Strand, Il-Gżira

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 25th April 2024, in the records of Sworn Application number 338/2024JVC, which was filed on the 26th March, 2024, in the names: Brincau Kirk Advocate noe vs Latin Lease Limited, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 for the purpose of service of the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the defendant company to pay the plaintiff the sum of fifty four thousand and three hundred euros (€54,300). With all costs and legal interest against the defendant company who is from now summoned so that a reference to its evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 11th July, 2024, at 9.35 a.m.

Notify Respondent: Latin Lease Limited, 114/3, The Strand, Gżira

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Ġunju, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 27th June, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1447

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-11 ta' Ġunju, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 325/2024DC, li ġie ppreżentat fis-26 ta' Marzu, 2024, fl-ismijiet: Farrugia Simon et vs Fenech Richard, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna lill-konvenut sabiex bl-ebda mod ma jfixkel l-esekuzzjoni jew ixekkel l-esekuzzjoni tax-xogħlijiet awtorizzati. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 11th June, 2024, in the records of Sworn Application number 325/2024DC, which was filed on the 26th March, 2024, in the names: Farrugia Simon et vs Fenech Richard, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 for the purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Order the defendant not to interfere in any way with the execution or to interfere with the execution of the authorised works. With costs against the defendant who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-8 ta' Ottubru, 2024, fid-9.00 a.m.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 8th October, 2024, at 9.00 a.m.

Notifika Intimat: Fenech Richard, 49, Royal Oak, Triq il-Ħarifa, Il-Mosta

Notify Respondent: Fenech Richard. 49, Royal Oak, Triq il-Ħarifa, Mosta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Ġunju, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 24th June, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1448

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Ġunju, 2024, maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-atti rikors ġuramentat ai termini tal-artiklu 495A tal-Kodiċi Ċivili, li jġib numru 130/2022(SG) fl-ismijiet 'Lewis Formosa et versus William Formosa et', ippreżentat fir-Reġistru fil-Qorti msemmija fil-25 ta' Novembru, 2022, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt hawn taħt riprodott u dan sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tas-segwenti persuni intimati fl-istess rikors:

It is hereby notified that by virtue of a decree issued on the 19th of June, 2024, given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, in the sworn application in terms of article 495A of the Civil Code, bearing reference number 130/2022(SG) in names 'Lewis Formosa et versus William Formosa et', filed in the Registry of the said Court on the 25th of November, 2022, the publication of the extract reproduced below was ordered in order to serve as notification with respect to the following persons who are respondents in the same application:

1. William Formosa, Saint Paul, Triq il-Knisja, L-Għarb;

1. William Formosa – Saint Paul, Church Street, Għarb;

2. Joseph Formosa, 4, Triq Mro Dirjanu Lanzon, Ir-Rabat, Għawdex,

2. Joseph Formosa – 4, Triq Mro Dirjanu Lanzon, Victoria, Gozo,

u dan ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

and this is in terms of article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali,

By virtue of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section,

Rikors numru 130/2022 SG (ai termini tal-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili) fl-ismijiet 'Formosa Lewis, et vs William Formosa, Saviour Formosa, Maria Assunta Sultana, Joseph Formosa, Joanne Saliba, Patrick Formosa, Carmen sive Lina Dimech, Mary Assunta Farrugia, Joseph Formosa, Maria Assunta Custo', Antonia Magri, John Piscopo, Mario Grech Xerri, Ludovina Bartolo u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-imsefrin: Assunta Galea mart Gratius Galea, Maria Carmel sive Marlene Scicluna, l-eredi mhux magħrufa ta' Maria Mercieca, Theresa Bartolo, l-eredi mhux magħrufa ta' Nicolina Xerri née Formosa mart Joseph Xerri, l-eredi mhux magħrufa ta' Nazzarena Cauchi qed jintalab li l-Qorti tiddikjara li l-prezz ta' erba' mija u tmenin elf euro (€480,000) kif ukoll il-kundizzjonijiet proposti għall-bejgħ mir-rikorrenti kollha lil Excel Investments Limited, tal-kwoti spettanti lilhom mill-porzjon art, flimkien ma' kwalsijasi benefikati fuqha, magħrufa bħala 'Tal-Wilga', fi Triq Karmni Grima, L-Għarb, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka ħames mija u sitta u erbgħin metru kwadru (546mk) konfinanti mill-Majjistral mal-imsemmija triq, mil-Lbiċ ma' beni tal-eredi ta' Joseph Formosa, u mix-Xlokk ma' beni ta' Cristinu Apap skont il-konvenju ffirmat fid-19 ta' Settembru, 2022, huma ġusti u xierqa u li l-istess prezz u kundizzjonijiet għandhom japplikaw għall-bejgħ tar-rimanenti kwoti prevja, okkorrendo, li l-fond jiġi stmat minn perit u arkitett inġinier ċivili; u għalhekk tapprova l-bejgħ propost, u tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta' bejgħ anke għal dak illi jirrigwarda l-kwota spettanti lill-intimati, f'jum, ħin u lok illi jiġu għalhekk iffissati ad opera ta' nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' bejgħ opportun, bl-intervent ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq dak l-att.

Dan ir-rikors jinsab differit għat-12 ta' Lulju, 2024, fit-8.30 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Illum 28 ta' Ġunju, 2024

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Application number 130/2022 SG (in terms of article 495A of the Civil Code) in the names 'Formosa Lewis, et vs William Formosa, Savior Formosa, Maria Assunta Sultana, Joseph Formosa, Joanne Saliba, Patrick Formosa, Carmen sive Lina Dimech, Mary Assunta Farrugia, Joseph Formosa, Maria Assunta Custo', Antonia Magri, John Piscopo, Mario Grech Xerri, Ludovina Bartolo and deputy curators to represent the expatriates: Assunta Galea wife of Gratius Galea, Maria Carmel sive Marlene Scicluna, the unknown heirs of Maria Mercieca, Theresa Bartolo, the unknown heirs of Nicolina Xerri née Formosa wife of Joseph Xerri, the unknown heirs of Nazzarena Cauchi is being asked that the Court declare that the price of four hundred and eighty thousand euros (€480,000) as well as the conditions proposed for the sale by all applicants to Excel Investments Limited, of quotas belonging to them from the portion of land, together with any developments on it, known as 'Tal-Wilga', in Triq Karmni Grima, Għarb, Gozo, measuring approximately five hundred and forty six square meters (546m2) bordering from the northwest with the said road, from the west with the property of the heirs of Joseph Formosa, and from the southeast with the property of Cristinu Apap and this in terms to the promise of sale agreement signed on the 19th of September, 2022, they are good and appropriate and that the same price and conditions should apply to the sale of the remaining quotas, prior, if necessary, that the property is valued by an architect and civil enginéer; and therefore approves the proposed sale, and orders the publication of the deed of sale also for what relates to the quota pertaining to the respondents, on a day, time and place to be appointed by a public notary to publish the relative deed of sale, with the intervention of deputy curators to represent the eventual defaulters on that deed.

This application is adjourned for hearing for the 12th of July, 2024, at 8.30 a.m.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)
Today, the 28th of June, 2024

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

1449

Permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Jannar, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2472/2022, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Raymond Micallef et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Raymond Micallef u Karen Micallef a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 9 ta' Ġunju, 2022

By means of a decree of the 9th January, 2024, in the records of the judicial letter number 2472/2022, in the names HSBC Bank Malta plc vs Raymond Micallef et, the First Hall of the Civil Courts ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents Raymond Micallef and Karen Micallef in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 9th June, 2022

Lil Raymond Micallef (KI 340670M) u Karen Micalef (KI 555478M) ta' Santa Rita Court, Flat 6, Triq l-Għadam, Imrieħel.

Permezz tal-preżenti s-soċjetà HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 32, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Iġġib a formali konjizzjoni tagħkom il-fatt li fil-ġurnata tat-2 ta' Ġunju, 2022, intom kontu tinsabu moruzi fil-pagamenti ta' self lilkom mogħti, in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Robert J. Muscat, datat 27 ta' Mejju. 2019, fl-ammont ta' €8,184.26 u għaldaqstant is-soċjetà esponenti tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn tħallas din is-somma. Inoltre s-soċjetà esponenti tinfurmakom illi din is-somma ta' arretrati tiżdied b'€1,474.82 fix-xahar wara dik id-data; u

Iġġib a formali konjizzjoni tagħkom il-fatt li fil-ġurnata tat-2 ta' Ġunju, 2022, intom kontu tinsabu moruzi fil-pagamenti ta' self lilkom mogħti, in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Robert J. Muscat, datat 27 ta' Mejju, 2019, fl-ammont ta' €3,018.85 u għaldaqstant is-soċjetà esponenti tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn tħallsu din is-somma. Inoltre s-soċjetà esponenti tinfurmakom illi din is-somma ta' arretrati tizdied b'€668.41 fix-xahar wara dik id-data.

Iġġib a formali konjizzjoni tagħkom il-fatt li fil-ġurnata tat-2 ta' Ġunju, 2022, intom kontu tinsabu moruzi fil-pagamenti ta' self lilkom mogħti, in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Robert J. Muscat, datat 27 ta' Mejju, 2019, fl-ammont ta' €3,563.25 u għaldaqstant is-soċjetà esponenti tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn tħallsu din is-somma. Inoltre s-soċjetà esponenti tinfurmakom illi din is-somma ta' arretrati tiżdied b'€668.40 fix-xahar wara dik id-data.

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra intom tħallsu is-somma ta' €6.59 rappreżentanti inkwantu għas-somma ta' €4.73 bħala kapital u inkwantu għas-somma ta' €1.86 bħala mgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital sat-2 ta' Ġunju, 2022, fuq il-kont bin-numru 016-114340-001, liema somma hija Encroachment fuq il-kont tat-tip Current Account li ġiet debitament mogħtija lilek, mill-Bank mittent u aċċettata minnek oltre l-imgħax mit-3 ta' Ġunju, 2022, sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma int għalkemm repetutatment interpellat biex tħallas inqast milli tagħmel dan.

Tinfurmakom li jekk tonqsu milli tħallsu l-arretrati kollha fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra, il-bilanċ intier tas-self isir kollu dovut f'daqqa oltre mgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena sad-data tal-effettiv pagament.

Sabiex jiġu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma huwiex possibbli u

To Raymond Micallef (ID 340670M) and Karen Micallef (ID 555478M) of Santa Rita Court, Flat 6, Triq l-Għada, Mrieħel.

By means of this present, HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) of 32, Triq il-Merkanti, Valletta

Brings to your formal notice the fact that on the 2nd June, 2022, you were in delay of payment of the loan given to you in the acts of Notary Dr Robert J. Muscat, dated 27th May, 2019, in the amount of €8,184.26 and thus the interpellant company solicits you so that within two days you pay the said amount. The interpellant company informs you also that this sum of arrears inreases by €1,474.82 per month after that date.

Brings to your formal notice the fact that on the 2nd June 2022 you were in delay of payment of the loan given to you in the acts of Notary Dr Robert J Muscat, dated 27th May, 2019, in the amount of €3,018.85 and thus the interpellant company solicits you so that within two days you pay the said amount. The interpellant company informs you also that this sum of arrears inreases by €668.41 per month after that date.

Brings to your formal notice the fact that on the 2nd June, 2022, you were in delay of payment of the loan given to you in the acts of Notary Dr Robert J. Muscat, dated 27th May, 2019 in the amount of €3,563.25 and thus the interpellant company solicits you so that within two days you pay the said amount. The interpellant company informs you also that this sum of arrears inreases by €668.40 per month after that date.

Calls upon you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €6.59 representing as for the amount of €4.73 as the capital sum and as for €1.86 as the interest accrued on the capital till the 2nd June, 2022, which amount is due on the account number 016-114340-001, which amount is Encroachment on the Current Account type of facility that was duly given to you by the interpellant Bank and accepted by you besides the interest from the 3rd June, 2022, till the date of this letter, together with further legal interest on the capital from the date of this letter till the date of effective payment, which amount although repeatedly solicited you remained in default of payment.

Informs you that if you fail to pay all the arrears due within fifteen days from the date of notification of this letter, the entire balance of the loan becomes due all at once besides the legal interest at the rate of 8% per annum until the date of effective payment.

To avoid useless Court fees, if the payment of the loan is not possible in the time given and you néed more time to pay

teħtieġu żmien itwal għall-ħlas b'rata mensili, intom tistgħu tammettu d-dejn tagħkom mal-Bank permezz ta' att notarili. F'dan il-każ intom mitluba illi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tirċievu din l-ittra tavżaw lill-Bank u tqabbdu nutar.

Din l-ittra sservi ukoll biex tinterrompi l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mil-liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tagħkom mingħajr ebda' preavviż ieħor.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

by monthly installments, you can admit your debt towards the Bank by means of a notorial act. In this case you are requested so that within fifteen days from when you receive this letter you inform the Bank and engage a notary.

This letter is being filed as well to interrupt prescription and as such is required by law in terms of article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

In default further procedures will be taken against at Court without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs

Registry of the Superior Courts, today 28th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1450

Permezz ta' digriet mogħti fil-24 ta' Mejju, 2024, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 988/2024, fl-ismijiet l-Awtorità tad-Djar vs Dennis Vella, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum l-1 ta' Marzu, 2024

Lil Dennis Vella (KI 0478180M) ta' Blokk A4, Flat 10, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke

Permezz tal-preżenti l-Awtorità tad-Djar hekk kif rappreżentata minn Emerson Rizzo Gatt (KI 137801L) ta' 22, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana, bil-ġurament tiegħu qed jikkonferma il-kontenut ta' din l-ittra uffiċjali, u jinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €31,106.00, liema somma hija ċerta, likwida u dovuta minnek. Din is-somma tirrapreżenta arretrati ta' pagamenti mensili dovuti lill-Awtorità tad-Djar fuq il-fond Blokk A4, Flat 10, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke, u dan skont il-konvenju ffirmat minnek u datat 17 ta' Diċembru, 2012, u l-assenjament tal-jeddijiet ffirmat minnek u datat 26 ta' Awwissu, 2015, u għalhekk ma hemm ebda raġuni għaliex m'għandux isir dan il-ħlas dovut. Dikjarazzjoni bil-ġurament li tikkonferma dan id-dejn dovut qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. A.

Din il-proċedura qed tiġi adottata wara li inti ġejt interpellat bonarjament diversi drabi biex tħallas iżda xorta bqajt inadempjenti. Għar-raġunijiet fuq imemmija din it-talba għandha tintlaqa'.

By means of a decree of the 24th May, 2024, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 988/2024, in the names Housing Authority vs Dennis Vella, the following publication was ordered for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 1st March, 2024

To Dennis Vella (ID 0478180M) of Blokk A4, Flat 10, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke

By the present Housing Authority as duly represented by Emerson Rizzo Gatt (ID 137801L) of 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, by means of his oath he is confirming the contents of this judicial letter, and solicits you to pay the sum of €31,106.00, which sum is certain, liquid and due by you. This sum represents arrears of monthly payments due to the Housing Authority on the premises Block A4, Flat 10, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke, and this according to the preliminary agreement signed by you and dated 17th December, 2012, and the assignment of rights signed by you and dated 26th August, 2015, and thus there is no reason why this payment should not be made. A declaration by oath confirming this debt is being attached and marked as Doc. A.

This procedure is being adopted after you were formally solicited several times to pay but you remained in default. For the above reasons this request should be granted.

Jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum minn meta tiġi notifikat b'din l-ittra uffiċjali billi tippreżenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, liema rikors jista' jiġi ffirmat u ppreżentat fit-Tribunal minnek stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' avukat jew prokuratur legali, din l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv. Jekk tonqos li tħallas immedjatament se jittieħdu proċeduri ulterjuri kontra tiegħek inkuż il-ħruġ ta' mandati skont il-liġi.

Bl-ispejjeż u bl-interessi

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 28 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

If you do not reply within thirty (30) days from the service of this judicial letter by filing an application before the Administrative Review Tribunal, which application may be signed and filed in the Tribunal by yourself without the necessity of the signature of a lawyer or legal procurator, this judicial letter shall constitute an executive title. If you fail to pay immediately further procedures will be taken against you including the issue of warrants according to law.

With costs and interest

Registry of the Superior Courts, today 28th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1451

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Novembru, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2565/2023, fl-ismijiet Gordon's Moto Dealer Limited vs Cesare Citriniti, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Cesare Citriniti a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 25 ta' Awwissu, 2023

Lil Cesare Citriniti (KI 211758A) ta' 87, Blackman Court, Flat 3, Triq il-Mimosa, Tal-Pietà

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, Gordon's Moto Dealer Limited (C31490) ta' Triq il-Wied, Birkirkara, tinterpellak sabiex fi żmien ħamest (5) ijiem mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tħallasha s-somma ta' €1309.64 ammont rappreżentant il-bilanċ pendenti u minnek dovut inkonnessjoni tal-bejgħ lilek ta' mutur tal-għamla Honda u mudell Rebel 500 fl-4 ta' Mejju, 2021, u liema bilanċ għadu sallum ma tħallasx minkejja diversi wegħdiet daparti tiegħek, u dan oltre l-imgħax mit-18 ta' Novembru, 2022, sad-data tal-pagament effettiv, u oltre l-ispejjeż tal-preżenti ittra uffiċjali.

Is-soċjetà mittenti tinfurmak illi f'każ illi t-terminu lilek mogħti jgħaddi inutilment, hi ma jkollha ebda aternattiva oħra ħlief illi tipproċedi ulterjorment fil-konfront tiegħek u dan bil-mezzi kollha li trid il-liġi u mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek u sabiex jiġu evitati spejjeż u proċeduri inutili.

Bl-ispejjeż u interessi legali

By means of a decree of the 21st November, 2023, in the records of the judicial letter number 2565/2023, in the names Gordon's Moto Dealer Limited vs Cesare Citriniti, the Court of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Cesare Citriniti in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 25th August, 2023

To Cesare Citriniti (ID 211758A) of 87, Blackman Court, Flat 3, Triq il-Mimosa, Tal-Pietà

By means of this present , Gordon's Moto Dealer Limited (C-31490) of Triq il-Wied, Birkirkara, calls upon you so that within five (5) days from the date of service of this judicial letter you pay the sum of €1309.64 representing the balance outstading and due by you in connection with the sale to you of a motorcycle of the make Honda and model Rebel 500 on the 4th May, 2021, and which balance has not yet been paid despite several promises on your part, and this besides interest from the 18th November, 2022, till the date of effective payment, and besides the costs of the present judicial letter.

The interpellant company informs you that in case the time given to you passes uselessly, it will have no alternative but to proceed further against you and this by all the means permitted by law and without any other prior notice.

So much so that you may know how to regulate yourself and to avoid useless costs and procedures.

With costs and legal interest

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 28 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 28th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1452

Permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Frar, 2024, fl-atti tal-protest numru 330/2023, fl-ismijiet Sandro Musu vs Peter James Frendo, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 fil-konfront ta' Peter James Frendo.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 4 ta' Lulju, 2023

Sandro Musu (KI 113368M) vs Peter James Frendo (KI 0369782M)

Protest ta' Sandro Musu (KI 113368M)

Jesponi bir-rispett:

1. Illi l-protestant huwa sid tal-appartament numru 3, The Firs li jinsab fi Triq George Borg Olivier, Tas-Sliema;

2. Il-protestat huwa l-kerrej ta' appartament numru 6 li jifforma parti mill-blokka ta' appartamenti magħrufa bl-isem The Firs fiTriq George Borg Olivier, Tas-Sliema;

3. Il-Protestat issulloka l-appartament numru 6, a favur ta' numru ta' inkwilini ferm eċċessiv minn dak permessibli mil-liġi, liema inkwilini qegħdin jirrisjedu fl-istess appartamenti numru 6 b'riżultat illi l-istes inkwilini qegħdin, oltre milli jgħixu f'kundizzjoni ta' iġjene prekarja, jikkaġunaw dannu, inkluż iżda mhux limitatament għal dannu ekonomiku bħala riżultat ta' żvalutar tal-proprjetà tal-protestant, storbju, ħmieġ u inkonvenjent kostanti, fil-proprjetà tal-protestat, inkluż fil-partijiet komuni tal-istess blokka ta' appartamenti kif ukoll barra l-entratura prinċipali tal-istess blokka ta' appartamenti;

4. Il-protestat huwa ben konxju ta' dan l-istat ta' fatt, tant illi addirittura din is-sitwazzjoni ġiet rrappurtata fil-midja lokali, iżda nonostante l-protestat għażel li jibqa' inadempjenti u naqas milli jieħu passi sabiex jirregola dan l-aġir abużiv u jirrimedja għal dan id-dannu u inkonvenjent ikkaġunat;

5. B'konsegwenza ta' dan l-aġir ta' din l-attività, il-protestat ikkawża dannu lill-proprjetà tal-protestant bħala riżultat ta' ħsarat, devalwazzjoni, fama, storbju, ħmieġ u kundizzjonijiet iġjeniċi ħżiena ġġenerati minn numru ferm

By means of a decree of the 7th February, 2024, in the records of the protest number 330/2023, in the names Sandro Musu vs Peter James Frendo, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 on Peter James Frendo.

In the First Hall of the Civil Court

Today 4th July, 2023

Sandro Musu (ID 113368M) vs Peter James Frendo (ID 0369782M)

Judicial Protest of Sandro Musu (ID 113368M).

Request with respect:

1.That the applicant is the owner of the apartment number 3, The Firs situated in Triq George Borg Olivier, Tas-Sliema;

2. The respondent is the tenant of apartment number 6 which forms part of the block of apartments known as The Firs in Triq George Borg Olivier, Tas-Sliema;

3. The respondent sublet apartment number 6, in favour of a number of lessees which by far exceeds the number of occupants who can occupy a residence as permitted at law, with the result that the same tenants are, besides living in precarious hygienic conditions, causing damage, including but not limited to economic damage as a result of the devaluation of the property of the applicant, they are also causing noise, dirt and a constant inconvenient to the property of the applicant, including in the common parts of the same block of apartments as well as outside the main entrance to the same block of apartments;

4. The respondent is well aware of this state of fact, so much so that furthermore this situation was reported in the local media, but notwithstanding that the respondent chose to remain in default and failed to take action to regulate this abusive act and remedy this damage and inconvenience caused;

5. As a result of this activity, the respondent caused damage to the property of the applicant as a result of damages, devaluation, reputation, noise, dirt and bad conditions generated by a very excessive number of tenants living in the

eċċessiv ta' inkwilini li jgħixu fl-istess appartament numru 6 u rrenda ruħu responsabbli personalment għad-dannu soffert mill-protestant.

Għaldaqstant, permezz tal-preżenti il-protestant qiegħed ipoġġi lil protestat f'dolo, mora et culpa għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, b'dan li qiegħed jinterpellah, sabiex fi żmien ħamest (5) ijiem mid-data ta' dan il-protest ġudizzjarju, huwa jieħu dawk il-passi kollha neċesarji sabiex il-proprjetà tal-protesant tiġi rripristinata għall-istat ta' ndafa u kundizzjoni tajba anteċedenti għas-sullokazzjoni abużiva magħmula minnek.

Fin-nuqqas u mingħajr preġudizzju għal kwalunwe azzjoni oħra li l-protestant jista' jieħu fil-konfront tal-protestat, il-protestant se jipproċedi skont kif permessibli lilu mil-liġi, inkluż il-ħruġ ta' mandati kawtelatorji opportuni u dan mingħajr ebda preavviż ieħor.

A skans ta' kull inekwivoku, il-protestant qiegħed iżomm ferm kwalsijasi dritt tiegħu kontra kull persuna oħra responsabbli anke jekk mhux espressament indikata f'dan l-istadju.

Tant sabiex il-protestat jagħraf jimxi u jirregola ruħu.

Bl-ispejjeż

Protestant: Sandro Musu c/o Merlin Computers Ltd, Merlin House, Triq Mountbatten, Il-Ħamrun

Notifika; Peter James Frendo, Alliance Fortizza, 132, Triq it-Torri, Tas-Sliema SLM 1603, u/jew Locker Mans., Fl. 5, Triq Locker, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Ġunju 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

same apartment number 6 and rendered himself personally responsible for the damage suffered by the applicant.

Thus, by means of the present the protesting party is holding the respondent responsible for all intents and purposes of law, so that within five (5) days from the date of this judicial protest, he takes all those necessary steps so that the property of the applicant is restored to the state of cleanliness and good former condition prior to the abusive subletting made by you.

In default and without prejudice to any other action that the applicant may take against the respondent, the applicant shall proceed as permitted by law, including the issuing of the opportune precautionary warrants and this without any other prior notice.

In order to avoid any misunderstanding, the applicant is strongly reserving any right against any other person responsible even if not expressly indicated at this stage.

So much so that the respondent may know how to proceed and regulate himself.

With costs

Applicant: Sandro Musu c/o Merlin Computers Ltd, Merlin House, Triq Mountbatten, Ħamrun

Notification: Peter James Frendo, Alliance Fortizza, 132, Triq it-Torri, Tas-Sliema SLM 1603, and/or Locker Mans., Fl. 5, Triq Locker, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 28th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1453

Permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Mejju, 2024, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 390/2024, fl-ismijiet il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Patrick Mercieca pro et noe, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Patrick Mercieca u Pro Log Team Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 30 ta' Jannar, 2024

Lil Patrick Mercieca (KI 0304779M) u Andrew Cremona (KI 0471885M) f'isimkom personali kif ukoll bħala diretturi

By means of a decree of the 17th May, 2024, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 390/2024, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Patrick Mercieca pro et noe, the following publication for the purpose of service on the respondents Patrick Mercieca and Pro Log Team Limited was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 30th January, 2024

To Patrick Mercieca (ID 0304779M) and Andrew Cremona (ID 0471885M) in your own name and in your

għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Pro Log Team Limited (C77488).

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €111,585.09 rappreżentanti ammont dovut minnkom pro et noe bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud, skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għandu kontra tagħkom pro et noe permezz tal-avviż li ntbagħat lilkom.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżakom li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Notifika: Patrick Mercieca, 41, Silhouette, Triq il-Pellegrinaġġ tar-Roti, Ħaż-Żabbar
Pro Log Team Limited, 41, Silhouette, Triq il-Pellegrinaġġ, tar-Roti, Ħaż-Żabbar

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 28 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

capacity as directors in the name and on behaf of the company Pro Log Team Limited (C77488).

By the present the Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €111,585.09 representing amount due by you pro et noe as Value Added Tax, according to the same Act .

With costs and interest according to the said Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you pro et noe by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Notification: Patrick Mercieca, 41, Silhouette, Triq il-Pellegrinaġġ tar-Roti, Ħaż-Żabbar
Pro Log Team Limited, 41, Silhouette, Triq il-Pellegrinaġġ, tar-Roti, Ħaż-Żabbar

Registry of the Superior Courts, today 28th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1454

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-17 ta' Mejju, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1277/2024, fl-ismijiet Glenn Zammit et vs Anthony Xerri, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lil Anthony Xerri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 18 ta' Marzu, 2023

Lil Anthony Xerri (KI 209398M) ta' 237, Juldion, Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar

